MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 355/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Dr.Vittorio Ragonesi LLD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Dr.Vittorio Ragonesi LL.D. talli bhala s-Segretarju ta' Holtours Limited, fil-11 ta' Settembru 2006 u f'dawn l-ahhar zminijiet, fil-Belt Valletta u/jew fil-Furjana minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda sabiex jezercita jedd li jippretendi li ghandu fixkel lil Lawrence Quintano fil-pussess ta' hwejgu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 85 tal-

Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Dr. Vittorio Ragonesi LL.D. hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu hamsin lira Maltin (Lm50) multa u a tenur ta’ l-Art 377(3) tal-Kap. 9 ordnat li l-imsemmi Dr. Vittorio Ragonesi LL.D. fil-kwalita’ premessa jnehhi kull ostakolu fi zmien tmint (8) ijiem mid-data tas-sentenza appellata taht penali ta’ zewg liri Maltin (Lm2) kuljum fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Dr. Vittorio Ragonesi pprezentat fl-14 ta’ Novembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) preliminarjament, filwaqt illi c-citazjoni hija diretta kontra Dr. Vittorio Ragonesi fil-kwalita` personali, il-korp ta’ l-imputazzjoni jistipula li qieghed jigi akkuzat “bhala segretarju ta’ Holtours Limited” u ghalhekk in-notifika hija nulla u inoltre ma saret l-ebda prova mill-prosekuzzjoni ta’ tali kariga; (2) fil-mertu, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova fil-grad rikjest mil-ligi l-elementi tar-reat in dizamina.  Lawrence Quintano ghandu zewg karozzi mhux licenzjati fil-garaxx li hemm fid-*ditch* u li ilu ma jsuq ghall-ahhar sentejn; ghalhekk l-access li ghandu l-imsemmi Quintano huwa bir-rigel u dak l-access ma ttehidlux. Jekk Lawrence Quintano qieghed jargumenta li ma jistax jidhol b’vettura, ikun qieghed jekwipara ruhu ma’ terzi li qabel kienu jipparkeggjaw fid-*ditch* minghajr ebda titolu jew permess u kwindi l-anqas f’dan il-kaz ma tilef xi dritt li kellu qabel peress li la ma kellux dritt jipparkeggja hemmhekk qabel, *multo magis* wara li tpogga l-*pole*. Barra

minn hekk l-appellanti ta lil Quintano l-facilita` li jekk irid seta' jkollu cavetta u jkollu b'hekk id-dritt li jnehhi l-*pole*.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, jinghad mill-ewwel li huwa immaterjali f'liema kwalita` gie indikat l-appellant fil-komparixxi. Il-fatt li hu *Managing Director* u mhux Segretarju tas-socjeta` msemmija ma jfissirx illi huwa m'ghandux rapprezentanza ta' l-imsemmija socjeta`. Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

Fil-mertu, hawn si tratta tar-reat ta' *ragion fattasi* u sabiex jikkonfigura ruhu dan ir-reat iridu jikkonkorru dawn l-elementi:

**"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni able Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' *ragion fattasi* jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' *ragion fattasi* jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".**[1]

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996

Mill-provi jirrizulta li certu Lawrence Quintano ghandu fil-pussess tieghu garaxx li jinsab fid-*ditch* taht il-Lukanda Phoenicia accessibbli minn Great Siege Road. Permezz ta' ittra datata 14 ta' Awissu 2006, Lawrence Quintano gie nfurmat illi mhux ser jithallew jipparkaw aktar karozzi fid-*ditch* peress illi l-access ghat-triq principali kien ser jinghalaq izda li jekk huwa ried idahhal jew johrog karozza mill-garaxx msemmi, l-i*staff* tal-lukanda *"jtuk cavetta biex iddahhal jew tohrog il-vettura, u din ic-cavetta, li ma tistax taghmel kopja taghha, tirritornaha lill-istaff tal-lukanda immedjatament wara li taghmel hekk."* Sussegwentement tqieghdu zewg *bollards* (kif jidhru f'uhud mir-ritratti esebiti a fol. 7 – 9 tal-process). Sadattant Lawrence Quintano oppona d-decizjoni li jinghalaq l-access kif jidher mill-ittra datata 17 ta' Awissu 2006 tal-konsulent legali tieghu Dott. Joe Brincat.

Jidher li b'ittra datata 25 ta' Ottubru 2006 tad-Direttur ta' l-Artijiet lis-socjeta` Holtours Ltd., din is-socjeta` giet infurmata illi skond koncessjoni enfitewtika favur l-awturi ta' l-imsemmija socjeta`, fid-*ditch* in kwistjoni jrid jithalla access bir-rigel, bhima jew vettura favur kwalunkwe persuna illi ghandha proprjeta` gewwa d-*ditch* jew li ghal kwalunkwe raguni ohra ghandha d-dritt li tidhol hemmhekk. L-appellant xehed illi l-koncessjoni enfitewtika tghid illi ghandu jithalla miftuh it-tarag li minn fejn ix-xarabanks jaghti ghad-*ditch* u jithalla access ghalihom bir-rigel ghat-triq principali. Qal ukoll li peress illi bdew jidhlu hafna karozzi, kien mar ikellem lill-Ministru Tonio Borg li ta ordni lill-Kummissarju tal-Pulizija biex ma jidhlux aktar karozzi fid-*ditch* u jaghmel *bollards*. Skond l-appellant, il-Kummissarju baghat Spetturi biex jghidu lill-*car park attendants* li ma setghux jahdmu aktar hemm. Mhuwiex kontestat li l-*bollards* saru mis-socjeta` msemmija. L-appellant qal illi skond il-koncessjoni enfitewtika l-post irid jintuza biss ghal-lukanda jew ghal skop turistiku. Irid jinghad pero` illi <u>hadd</u> mill-partijiet ma esebixxa kopja tal-kuntratt relattiv.

Minn dan kollu huwa evidenti illi bil-fatt li saru l-*bollards*, filwaqt illi gie impedut l-access ghad-*ditch* ta' terzi, sa

certu punt gie wkoll menomat l-access liberu li qabel kellu Lawrence Quintano. Is-socjeta` Holtours Ltd. emmnet li dak li ghamlet setghet taghmlu bi dritt, izda in vista tal-fatt li jidher li kien jezisti dritt ta' access mill-imsemmi Quintano, ma setghetx taghmlu semplicement permezz ta' ordnijiet li seta' ta Ministru. Wara kollox, kif jammetti l-appellant, il-Ministru ma tax ordnijiet lill-imsemmija socjeta` izda lill-Kummissarju tal-Pulizija, filwaqt illi l-*bollards* twahhlu mis-socjeta` msemmija. Ghalhekk jezistu l-ewwel tliet elementi fuq imsemmija. Ir-raba' element mhux applikabbli peress illi s-socjeta` Holtours Ltd. ghandha titolu.

Mill-istat ta' provi f'dawn il-proceduri jirrizulta illi, minbarra naturalment l-enfitewti, l-unika persuna li kellha dritt ta' access liberu b'vettura kien l-imsemmi Lawrence Quintano, u dak li ghamlet is-socjeta` msemmija ghamlitu biex tevita li jidhlu terzi mhux awtorizzati fid-*ditch*. Kif intqal, l-access li kellu qabel l-imsemmi Quintano gie sa certu punt menomat. Izda jirrizulta illi l-appellant offrielu li xorta jkollu access billi meta jkun sejjer il-garaxx, javza lill-i*staff* tal-lukanda u dawn ituh cavetta biex ikun jista' jiftah il-knataz tal-*bollards*. Waqt is-seduta quddiem din il-Qorti sahansitra saritlu l-offerta li tinghatalu kopja tac-cavetta. Fil-fehma ta' din il-Qorti din kienet soluzzjoni prattika hafna ghall-vertenza, izda ghal xi ragunijiet maghrufin biss lill-imsemmi Quintano, dan ma accettax. Almenu *prima facie* jidher li l-fatt li jkun hemm l-gheluq imsemmi huwa ta' beneficcju anke ghall-istess Quintano li, munit b'cavetta, ikun jista' jidhol u johrog x'hin irid.

F'dawn ic-cirkostanzi, filwaqt illi bhala reat teknikament jezisti, din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandu jkun hemm piena u l-anqas provvediment ulterjuri.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha kwantu ghall-htija b'dan illi l-appellant ghandu jigi desinjat bhala "Managing Director" u mhux bhala "Segretarju", tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' multa ta' hamsin liri Maltin (Lm50)

u in kwantu ordnatu li jnehhi kull ostakolu fi zmien tmint ijiem mid-data tas-sentenza appellata taht penali ta’ zewg liri Maltin (Lm2) kuljum fin-nuqqas, u minflok tillibera lill-appellant inkondizzjonatament (*absolute discharge*) a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------